MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 518/2002

**Melita Cable p.l.c.**

**Vs**

**Carmel Dimech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf hames mija u hmistax-il lira Maltin (Lm1,515) jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Onorabbli Qorti rapprezentanti ammont douvt ghall-materjal u manodopera nvoluta sabiex tigi riparata l-hsara ikkawzata mill-konvenut fuq cables amppartenenti lis-socjeta’ attrici sitwati fi Triq Santa Tereza, Bormla fis-27 ta’Frar 2001 u dan minhabba li naqas li jesegwixxi bi prudenza u ghaqal jew naqas jivverifika x’cables kienu ghaddejjin taht l-art tal-lokalita’ fejn kien qed jesegwixxi x-xogholijiet ta’ thafir.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz u tal-ittra uficjali datata 3 ta' Lulju 2002 u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-15 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1515.00,0 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------